**298. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u Intern l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jipproponi**:

"Billi l-Gvern tar-Repubbblika ta' Malta bi ħsiebu jbigħ u jittrasferixxi lil Malta International Airport Limited art fil-limiti tal-Gudja u Ħal-Luqa, deskritti aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, taħt il-kondizzjonijiet li jinstabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub f'paragrafu (ċ) tas- subartiklu (1) tal- artiklu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad- Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-artijiet formanti parti mill-artijiet magħrufa bħala tal-Kappella, tal-Bajda u Ta' Ħarrub Rummien fil-limiti tal-Gudja u ta' Ħal-Luqa, jistgħu jiġu mogħtija lill-imsemmija Malta International Airport Limited, skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra."

21.11.1991